IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.3.2021
COM(2021) 91 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tistabbilixxi sistema ġdida ta' rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, tistipula reġim ta' spezzjoni u l-klassifikazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar id-derogi għal xi tipi ta' bastimenti.
Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tintroduċi kundizzjonijiet armonizzati għall-ħruġ ta' ċertifikati għan-navigazzjoni interna ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Istati Membri kollha. B'riżultat ta' dan, ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni huma uniformi fl-Istati Membri kollha. Dan jiżgura s-simplifikazzjoni tar-regoli, li twassal għal livelli għoljin ta' sikurezza, u jikkontribwixxi direttament għall-ħolqien ta' suq intern aktar profond u ġust.
Ir-rekwiżiti huma stabbiliti billi ssir referenza għall-Istandards Ewropej li jistabbilixxu r-Rekwiżiti Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (l-istandards ES-TRIN), imfasslin mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI), li huwa korp internazzjonali maħluq fil-qafas tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR).
Mhux il-leġiżlazzjoni tal-UE biss tirreferi għal dan l-istandard u l-aġġornamenti tiegħu, iżda hekk jagħmel ukoll il-qafas leġiżlattiv adottat fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR).
Dan l-approċċ jiżgura li ċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna li jaffermaw li t-tipi kollha ta' inġenji huma konformi mar-rekwiżiti tekniċi reveduti msemmija qabel, ikunu validi fil-passaġġi fuq l-ilma interni kollha tal-UE, inkluż ir-Renu, u li ċ-ċertifikati tar-Renu jkunu validi fil-passaġġi fuq l-ilma interni kollha tal-UE.
Id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-bastimenti u ċ-ċertifikati hija żgurata permezz ta' bażi tad-*data* ddedikata (Bażi tad-*data* Ewropea dwar il-Buq - EHDB), li tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza għall-bastimenti b'mod effettiv.

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 ġiet adottata fl-14 ta' Settembru 2016 u daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Ottubru 2016 bid-data ta' traspożizzjoni u ta' applikazzjoni, s-7 ta' Ottubru 2018.

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 "*il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati rigward emendi għall-Anness I sabiex timmodifika l-klassifikazzjoni ta' passaġġi fuq l-ilma, inklużi ż-żieda u t-tħassir ta' passaġġi fuq l-ilma"*.
L-artikolu 19(7) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet għall-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq (EHDB) fl-oqsma ta':

(a) id-*data* li għandha tiddaħħal fil-bażi tad-*data* mill-Istati Membri;

(b) it-tipi ta' aċċess permessi, filwaqt li jitqiesu l-kategoriji tar-riċevituri tad-*data* u l-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata tali *data*;

(c) l-istruzzjonijiet rigward l-użu u t-tħaddim tal-bażi tad-*data*, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ta' sigurtà tad-*data*, il-kodifikazzjoni u l-ipproċessar tad-*data* u l-interkonnessjoni tal-bażi tad-*data* mar-reġistri msemmija fl-Artikolu 17.

L-Artikolu 31 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jemendaw l-Annessi II - VI tad-Direttiva (UE) 2016/1629.
Skont l-Artikolu 31(1) "*il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tadatta l-Anness II, biex taġġorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u biex tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tiegħu*".
Art. 31(3) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni "*li tadotta atti delegati dwar l-adattamenti tal-Annessi III u IV minħabba progress xjentifiku u tekniku*".
Art. 31(4) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni "*li tadotta atti delegati dwar l-adattamenti ta' Anness V biex taġġorna u tirrazjonalizza dispożizzjonijiet amministrattivi*".
F'konformità mal-Artikolu 31(5) "*il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati dwar l-adattamenti tal-Anness VI biex temenda l-kriterji għar-rikonoxximent tas-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni biex tiġi żgurata s-sikurezza tan-navigazzjoni*".
L-Artikolu 31(6) jiddikjara wkoll li "*il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati sabiex taġġorna r-referenzi f'din id-Direttiva għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Annessi II u V sabiex jitqiesu l-emendi li jkunu saru f'dawn l-Annessi*.".

2. BAŻI ĠURIDIKA

Dan ir-Rapport huwa meħtieġ mill-Artikolu 32(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1629. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, id-delega tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-6 ta' Ottubru 2016 u l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tħejji rapport fir-rigward tas-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. L-istess Artikolu jiddikjara li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jintemm kull perjodu.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2016/1629, sad-data tal-adozzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni adottat l-atti delegati li ġejjin:

1) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 – abbażi tal-Artikolu 31(1), (3) u (4). Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att delegat emendaw l-Anness II tal-aktar verżjoni riċenti tal-ES-TRIN 2017. Fl-Anness III, il-Paragrafu 2 ġie aġġornat sabiex tiġi żgurata konsistenza aħjar mad-dispożizzjonijiet tal-istandard ES-TRIN. L-imsemmi paragrafu 2 ikopri d-dispożizzjonijiet dwar "it-Tisħiħ", kif ukoll "l-Istabbiltà", b'analoġija mal-Artikolu 3.02 ta' ES-TRIN.
   L-istandard ES-TRIN 2017/1 jinkludi dispożizzjonijiet speċjali għall-inġenji tradizzjonali. Sabiex tinżamm il-konsistenza bejn ir-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u l-istandard ES-TRIN, kif ukoll biex jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet proċedurali, kien meħtieġ li jiġi emendat l-Anness V tad-Direttiva fir-rigward tad-dispożizzjonijiet proċedurali dettaljati. L-att delegat ġie ppubblikat fl-10.7.2018 u daħal fis-seħħ fit-30.07.2018 (bid-data ta' traspożizzjoni u ta' applikazzjoni, is-7.10.2018).
2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1668 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 (Anness II) – abbażi tal-Artikolu 31(1), (3) u (4) tiegħu. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att delegat emendaw l-Anness II biex jadattawh għall-aktar verżjoni riċenti tal-ES-TRIN 2019.
   L-att delegat kien ippubblikat fis-7.10.2019 u daħal fis-seħħ fis-27.10.2019 (bid-data ta' applikazzjoni, l-1.1.2020).
3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/474 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar il-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq - abbażi tal-Artikolu 19(7) tad-Direttiva (UE) 2016/1629. L-att delegat jistabbilixxi b'mod partikolari d-*data* li għandha tiddaħħal fil-bażi tad-*data* mill-Istati Membri, it-tipi ta' aċċess permess, filwaqt li jitqiesu l-kategoriji tar-riċevituri tad-*data* u l-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata tali *data*, l-istruzzjonijiet dwar l-użu u t-tħaddim tal-bażi tad-*data*. Id-dispożizzjonijiet tal-att delegat jipprevedu wkoll aċċess limitat għall-EHDB (aċċess għall-qari biss) għal dawk l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tat-traffiku tal-passaġġ fuq l-ilma intern u tal-infrastruttura, filwaqt li jżommu jew jinfurzaw is-sikurezza tan-navigazzjoni u tal-ġbir tad-*data* statistika.

L-atti delegati adottati kollha ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ma kienx hemm estensjoni tal-perjodi ta' oġġezzjoni jew oġġezzjonijiet matul il-perjodi ta' oġġezzjoni pprovduti.

4. ESTENSJONI TAL-PERJODU GĦAD-DELEGA TAS-SETGĦAT

Matul l-aħħar erba' snin, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-Direttiva (UE) 2016/1629.

L-eżerċizzju tas-setgħat delegati ppermetta lill-Kummissjoni biex tadotta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/1629 relevanti għall-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi sabiex iżżomm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna u biex issegwi l-evoluzzjoni teknika. Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-delega ta' setgħat jenħtieġ li tiġi estiża awtomatikament.

5. KONKLUŻJONI

B’dan ir-Rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżit ta’ rapportar skont l-Artikolu 32(2) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta’ dan ir-rapport.